# 1. Il-Ħajjat u l-Baruni

Kull filgħodu
mat-tbexbix
il-ħajjat kien jibda jħit,
u mal-għodwa ħamranija,
mal-għasfura ferreħija,
mad-dawrien tal-magna bieżla qalbu tgħanni ta’ sikwit.

Il-Baruni kien ġar tiegħu;
raġel xwejjaħ,
bniedem stramb u kollu rwejjaħ,
kien jiddejjaq
b’dak il-għana li sikwit,
waqt li jħit,
kien igħanni
il-ħajjat hieni u ferrieħ
minn mas-sbiħ;
għalhekk offra borża flus
lill-ħajjat jekk jagħmel wegħda
illi jehda
minn dak l-għana li sikwit
kien igħanni waqt li jħit.

Il-ħajjat għelbitu r-regħba,
laqa’ l-wegħda
illi jehda;
‘mma ftit wara
kollu skiet,
kollu mwiet,
ta’ ħanutu ġewwa l-kenn
qabdu ġenn,
telaq jiġri bħal miġnun,
radd il-borża lill-Barun.
“Ħajti”, qallu, “rrid li ngħaddi
fuq ix-xogħol mal-poeżija;
x’inhi l-borża
ħdejn il-għanja ferreħija?”

Għanni, għanni, ħajjat, għanni
waqt il-ħidma ta’ tbatija;
x’tiswa l-ħidma, x’tiswa l-ħajja
mingħajr ftit tal-poeżija?”